**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 06 ta' Novembru, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 880/2007 AF**

**Perit Austin Attard Montalto**

**Paul Attard Montalto**

**Nazzareno *sive* Reno Attard Montalto u fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' Frar 2014, il-Qorti ordnat illi wara l-mewt ta' Nazzareno *sive* Reno Attard Montalto, l-atti tal-kawza jigu legittimati f'isem Madeleine Stella Attard Montalto**

**Edward Attard Montalto**

**Victoria Grech xebba Attard Montalto mart l-Avukat David Grech**

**Patricia Agius Vadalà xebba Attard Montalto mart Thomas Agius Vadalà**

**Deborah Attard Montalto**

**Arlette Grech mart David Grech**

**Josephine Angela Hathaway**

**Mario Galea Testaferrata**

**It-Tabib Psikjatra Michael Kitson Attard Montalto [Passaport Ingliz 008494535]**

**Philip Kitson Attard Montalto [Passaport Ingliz 043891236]**

**Susan Lee mart Martin Lee [Passaport Ingliz 035168209]**

**Marion Saydon mart in-Nutar Joseph H. Saydon**

**Charles Vella Bonavita**

**Mary Ferro Attard Montalto**

**In-Nutar Gerald Spiteri Maempel f'isem u ghan-nom tal-kumpanija Coastline Development Company Limited (C-596)**

**Maria Teresa Scicluna**

**A.M. Developments Limited (C-181510)**

**u**

**Carmel *sive* Charles Polidano ghan-nom u f'isem il-kumpanija Polidano Brothers Limited (C-8884)**

**vs**

**L-Avukat Generali**

**Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u fil-verbal tat-22 ta' Settembru 2021, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-isem tal-Awtorità li ghandu jaqra "Awtorità tal-Ippjanar"**

**Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta u b'digriet tal-Qorti tal-25 ta' Novembru 2010, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, stante l-bidla fl-isem tal-Awtorità li flok Awtorità tat-Trasport ta' Malta irid jinqara "Transport Malta"**

**SIAR Property Investments Limited (C-34267)**

**Rite Mix (Gatt Brothers) Limited (C-2821)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Ir-rikorrenti huma ko-propjetarji fi kwoti indivizi u differenti ta' bicca art imsejha 'Ta' Bibu' jew 'Ta' Ghar Ghasfur' fil-limiti ta' San Pawl il-Bahar, ta' cirka tmintax-il elf metru kwadru (18,000mk), liema art hija ahjar deskritta fuq l-annessa pjanta (document AAM1) u liema proprjetà tikkonfina mit-tramuntana mal-bahar, min-nofsinhar in parti ma' proprjetà tal-familja Sant Cassia, in parti ma proprjetà ta' Maria Theresa Deguara Caruana Gatto, in parti ma' proprjetà ta' Marion Saydon u in parti ma' proprjetà tal-familja Caruana Galizia, kif ukoll mal-lvant ma' proprjetà tal-familja Sant Cassia u mill-punent in parti ma' proprjetà tas-successuri fit-titolu ta' Lucy Bencini, u in parti ma' tarag li jwassal sax-xtajta.

Din il-proprjetà ilha fil-proprjetà tal-familja Attard Montalto u tal-familja Galea Testaferrata kif jirrizulta ampjament mill-annessi kuntratti (dokument AAM 2 u AAM 3), u anki kif jirrizulta ampjament mill-kawza li hemm pendenti bhalissa quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Paul Attard Montalto nomine vs Paul Scicluna nomine (citazz numru 675/1978CFS) u li tinsab differita ghal 4 ta' Dicembru 2007.

B'kuntratt tas-sebgha (7) ta' Settembru elfejn u erbgha (2004) fl-atti tan-Nutar Roland John Wadge, is-socjetà intimata xtrat u akkwistat il-bini bin-numru estern 418 imma li precedentement kien innumerat bin-numri 246 u 247 go Triq San Pawl, f'San Pawl il-Bahar, minghand is-successuri fit-titolu ta' Mary Clare Caruana Galizia mizzewga lil Peter Manduca, liema proprjetà skond l-imsemmi kuntratt hawn anness u mmarkat bhala dokument (AAM 4), huwa in parti sottostanti l-proprjetà 418 go Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, bl-arja tieghu, u bil-pussess liberu u vakanti u liema bini skond l-istess kuntratt ghandu kejl ta' mill-anqas erba' mitt metri kwadri (400mk).

Permezz tal-istess kuntratt (dokument AAM 4), is-socjetà konvenuta akkwistat il-*maisonette* bin-numru 418 ittra 'A' minghand it-tabib Professur Herbert Gilles, u liema maisonette ghandu entratura separata ghal fuq Triq San Pawl, f'San Pawl il-Bahar, mill-proprjetà 418 go l-istess Triq San Pawl f'San Pawl il-Bahar.

Il-kumpannija intimata SIAR Property Investments Limited personalment u tramite persuni imqabbda minnha bdiet twettaq xogholijiet ta' skavar u kostruzzjoni, fuq il-bini li xtrat, fil-kors ta' liema xoghlijiet giet invasa u okkupata art tar-rikorrenti, li tigi biswit il-bini li akkwistat SIAR b'mod abbusiv u illegali u minghajr il-konoxxenza u/jew il-kunsens tar-rikorrenti.

Permezz ta' citazzjoni bin-numru 685/2005 fl-ismijiet l-Onorevoli Dr. John Attard Montalto et vs SIAR Property Investments Ltd et li prezentement tinsab pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (differita ghat-22 ta' Novembru 2007), r-rikorrenti talbu dikjarazzjoni li l-intimati f'dik il-kawza kienu ddisturbaw il-pussess tar-rikorrenti.

Inoltre, sabiex jikkawtelaw id-drittijiet taghhom r-rikorrenti kienu ipprezentaw mandat ta' inibizzjoni (1198/2005) li prezentement gie milqugh provvizorjament.

Minkejja li l-intimati kienu gew inibiti kif premess, huma baqghu ghaddejjin bix-xoghlijiet.

Waqt li dawn il-proceduri kienu pendenti fid-9 ta' Mejju 2005, l-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT), intavolat Planning Control Application (PCA) quddiem l-Awtorità ta' Malta ghall-Ambjent u l-Ippjanar, (MEPA), liema applikazzjoni iggib in-numru PC 0054/2006, fejn l-imsemmija ADT talbet tibdil fl-*alignment* ta' Triq it-Tonn u talbet ukoll permess li taghmel *roundabout* ossia 'turning loop' fl-istess triq kif jidher mill-pjanti tal-PCA, il-bidla fl-*alignment* u t-*turning loop* ser isiru fuq parti sostanzjali mill-art tar-rikorrenti li giet invaza mill-kumpannija SIAR u senjatament fuq dik il-parti mberfla bil-kulur fuq il-pjanta hawn anessa u mmarkata Dokument (AAM 5).

Ir-rikorrenti opponew il-PCA kif saru jafu biha (dokument AAM 6).

L-affarijiet mitluba fil-PCA msemmija ma kienux verament mehtiega ghal l-iskopijiet pubblici u l-PCA saret biss bl-iskop li tigi egavolata il-kumpannija SIAR, biex b'hekk jigu eluzi d-drittijiet tar-rikorrenti.

Inoltre il-PCA qeghda titlob li l-art tigi esproprijata u li ghalhekk tikkontempla infiq ta' fondi pubblici ghal skopijiet li huma ntizi biss sabiex jinghata vantagg lill-privat fuq privat iehor.

Inoltre b'effett tal-PCA l-intimati SIAR qeghdin jinghataw vantagg kummercjali askapitu tar-rikorrenti u nies ohra ghaliex bit-tibdil tal-access, kif ser jirrizulta waqt il-kawza, ser ikunu jistghu jizviluppaw il-proprjeta taghhom aktar intensivament.

Il-PCA imur kontra policy tassattiva tal-MEPA u cioè dik li ma tippermettix *blank walls* ghal-livell ta' tmien sulari.

Il-PCA 0054/2006 kien gie eventwalment approvat mill-MEPA fit-22 ta’ Frar 2007, kif jidher fl-anness (dokument markat AAM 7).

Ir-rikorrenti hassew ruhhom aggravati ferm mid-decizjoni tal-MEPA u mill-applikazzjoni tal-ADT billi dawn ma sarux fl-interess pubbliku, izda saru ghal-skopijiet illegittimi biex jiffavorixxu interessi privati fuq ohrajn u billi l-istess decizjoni u applikazzjoni ttiehdu b’mod arbitrarju u diskriminatorju. Illi ghalhekk id-decizjoni tal-MEPA tikkostitwixxi abbuz tas-setghat taghha billi saret ghal-skopijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti.

Mhux permess bil-ligi li terz interessat jappella minn PCA u ghalhekk l-esponenti aggravati kif fuq jinghad ma kellhom ebda triq ghajr li jiehdu passi quddiem din l-Onorabbli Qorti. Illi ghalhekk ukoll r-rikorrenti qeghdin jigu diskriminati kontra.

Interpellati b’ittra ufficcjali tal ....., l-intimati ma hadu l-ebda pass biex jaghtu rimedju xieraq lir-rikorrenti.

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-PCA 0054/2006 ma saritx ghal skopijiet ta’ utilità pubblika izda sabiex jigu agevolati interessi privati fil-konfront ta interessi privati ohra;

2. Tiddikjara li d-decizjoni tal-MEPA li permezz taghha approvat il-PCA kienet tikkostitwixxi abbuz tas-setghat taghha billi saret ghal-skopijiet mhux xierqa jew imsejsa fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti u dan kif gie rilevat brevement f’dan ir-rikors, u kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Tiddikjara inoltre li d-decizjoni tal-MEPA li permezz taghha approvat il-PCA kienet diskriminatorja fil-konfront tar-rikorrenti u dan kif gie rilevat brevement f’dan ir-rikors u kif ser jigi ppruvat dettaljatament waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Tiddikjara ghalhekk li l-hrug tal-fuq imsemmi permess ghar-ragunijiet premessi huwa irritu u null fil-ligi;

B'rizerva ta' kull azzjoni ohra ghad-danni kontra l-intimati u bl-ispejjes kontra l-intimati, minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

It-talbiet tar-rikorrenti fil-konfront tal-Awtorità Dwar it-Trasport ta' Malta (ADT) huma infondati sia fid-dritt kif ukoll fil-fatt stante illi l-ADT issottomettiet applikazzjonijiet mal-MEPA fl-interess pubbliku u ghaldaqstant il-permess mahrug huwa validu u legittimu.

L-ewwel talba tar-rikorrenti hija l-unika talba fil-konfront tal-ADT u li din ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-ADT ghamlet applikazzjoni mal-MEPA sabiex isir landscaping u immaniggjar ahjar tat-traffiku u li dan ix-xoghol kien ghal skop ta' utilità pubblika.

Ghaldaqstant it-tieni, it-tielet u r-raba talba tar-rikorrenti mhumiex indirizzati lill-ADT stante illi l-Awtorità Dwar it-Trasport m'ghandhiex ir-responsabbilità u s-setgha illi tiddeciedi fuq premessi ta' zvilupp jew bini anke jekk dawn isiru fir-rigward ta' toroq, u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' SIAR Property Investments Limited, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Is-socjetà esponenti minnu rapprezentata ma ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghandha tigi finalment liberata mill-osservanza tal-gudizzju a karigu tal-atturi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Rite Mix (Gatt Brothers) Limited, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Is-socjetà esponenti minnu rapprezentata ma ghandhiex *locus standi* f'dawn il-proceduri u ghalhekk ghandha tigi finalment liberata mill-osservanza tal-gudizzju a karigu tal-atturi.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante illi:

a. L-applikazzjoni PC 54/06 saret mill-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta fl-interess pubbliku ghar-ragunijiet moghtija mill-istess Awtorità f'dan ir-rigward.

b. L-interess pubbliku huwa aktar manifest meta wiehed iqis illi r-residenti tal-istess triq u tal-madwar kif ukoll il-Kunsill Lokali tal-lokalità kienu favur l-istess proposta, u dan kif gie ikkonfermat fil-kors tal-ipprocessar tal-applikazzjoni kif ukoll matul is-smiegh pubbliku meta l-istess applikazzjoni giet evalwata u deciza.

c. Il-lokazzjoni tat-*turning loop* in kwistjoni huwa dettat mill-esigenzi u mic-cirkostanzi tas-sit de quo u mhux mill-fatturi kompletament irrilevanti bhal dawk imsemmija fir-rikors tal-atturi.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu responti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.

Salvi risposti ulterjuri.

Rat illi b'digriet tal-21 t'Ottubru 2008 il-Qorti ddekretat illi l-intimat Avukat tal-Istat ġià Avukat Ġenerali ma setax iressaq risposta ġuramentata stante illi r-raġunijiet minnu miġjuba sabiex jiġġustifika l-kontumaċja tiegħu ma rriżultawx suffiċjenti.

Rat illi b'digriet tal-10 ta' Marzu 2010 il-Qorti laqgħet it-talba Avukat tal-Istat ġia Avukat Ġenerali u rrevokat *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-21 t'Ottubru 2008 u awtorizzat lill-Avukat tal-Istat iressaq nota ta' eċċezzjonijiet.

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Novembru 2010 il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex minflok Awtorità tat-Trasport f'Malta jinqara Transport Malta.

Rat illi fl-udjenza tas-27 ta' Frar 2014 il-Qorti ordnat il-leġitimazzjoni tal-atti f'isem Madeline Stella Attard Montalto wara l-mewt ta' Nazzareno *sive* Reno Attard Montalto.

Rat illi fl-udjenza tat-22 ta' Settembru 2021 il-Qorti awtorizzat il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawża sabiex minflok Awtorità ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jinqara Awtorità tal-Ippjanar.

Rat illi fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2022 il-Qorti ordnat il-leġitimazzjoni tal-atti f'isem Camille Scerri, James Galea Testaferrata, Maria Galea Testaferrata Zammit u Simon Galea Testaferrata wara l-mewt ta' Mario Galea Testaferrata.

Semgħet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti, tas-soċjetà intimati SIAR Property Investments Limited, dik tal-Avukat tal-Istat u dik tal-Awtorità tal-Ippjanar.

Rat illi minkejja l-fakoltà lilhom konċessa, l-intimati Transport Malta u Rite Mix Limited baqgħu ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet finali.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni r-rikorrenti qegħdin jitolbu lill-Qorti tiddikjara li l-Planning Control Application ("PCA") bin-numru 0054/06 ma saritx għal skopijiet pubbliċi. Talbu wkoll dikjarazzjoni illi d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar permezz ta' liema ġie akkordat il-PCA 0054/06 tiġi dikjarata bħala li hija abbużiva tas-setgħat tal-imsemmija Awtorità u diskrimonatorja fil-konfront tar-rikorrenti. Konsegwentment talbu li l-PCA 0054/06 jiġi dikjarat null. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom ir-rikorrenti għamluha ċara illi din hija azzjoni għall-stħarriġ t'għemil ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Is-soċjetajiet intimati SIAR Property Investments Ltd ("SIAR") u Rite Mix Limited eċċepew rispettivament illi m'għandhomx *locus standi* u li għaldaqstant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju.

L-intimati l-oħra u cioè Transport Malta ("TM") u l-Awtorità tal-Ippjanar ("MEPA") eċċepew rispettivament illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondanti stante l-fatt illi tal-ewwel aġixxiet fl-interess pubbliku sabiex isir *landscaping* fiż-żona nteressata u jkun hemm immaniġġjar aħjar tat-traffiku. Kien fuq din il-premessa li Transport Malta applikat u kisbet il-permess relattiv.

**Il-Fatti**

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti huma sidien ta' porzjon art magħrufa bħala "Ta' Bibu" jew "Ta' Għar Għasfur" ġewwa San Pawl il-Baħar liema art fiha kejl ċirka ta' 18,000 metru kwadru. Għall-fini ta' kompletezza għandu jingħad illi fil-preżent ir-rikorrenti għaddejjin minn proċeduri ġudizzjarji għad-diviżjoni tal-art fl-ishma rispettivi.

Il-proprjetà mertu ta' din il-kawża hija mifruda minn dik tas-soċjetà intimata SIAR permezz ta' ħajt tas-sejjiegħ. SIAR bdiet tiżviluppa l-art proprjetà tagħha u fil-kors tax-xogħolijiet ħattet il-ħajt tas-sejjiegħ li jifred il-proprjetà tagħha minn dik tar-rikorrenti. B'rikors tas-26 ta' Lulju 2005, ir-rikorrenti talbu l-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni, dak bin-numru 1198/2005GC

kontra SIAR sabiex tiġi mwaqqfa milli tkompli b'xogħol ta' tħaffir u kostruzzjoni fil-proprjetà tagħha. Il-Qorti laqgħet it-talba tar-rikorrenti b'digriet tad-29 ta' Lulju 2005. Madanakollu, SIAR kompliet għaddejja bix-xogħolijiet.

Nel frattemp, fis-sena 2005 b'applikazzjoni numru 0025/05 TM talbet illi tibdel il-linja tal-bini fi Triq it-Tonn, San Pawl il-Baħar bil-għan illi jsir *turning circle*. B'deċiżjoni tas-16 ta' Marzu 2006 il-Board tal-MEPA ċaħad it-talba ta' TM wara li kkonkluda li t-tibdil rikjest kien ser jolqot proprjeta' skedata kif ukoll il-proprjeta' ta' terzi. TM reġgħet intavolat applikazzjoni ġdida (0054/2006) dik is-sena stess dejjem għall-istess skop.

Fis-26 ta' Settembru 2006 TM talbet lill-Kummissarju tal-Artijiet sabiex porzjon ta' art fil-kejl ta' 438 metri kwadri fi Triq it-Tonn ġewwa San Pawl il-Baħar, tiġi esproprjata sabiex issir triq.

Minkejja l-oġġezzjoni tar-rikorrenti, b'deċiżjoni tat-22 ta' Frar 2007 il-Bord tal-MEPA laqa' t-talba ta' TM għat-tibdil minnha mitlub. Fis-26 ta' Frar 2007 TM ikkomunikat din id-deċiżjoni lill-Kummissarju tal-Artijiet.

Fil-pubblikazzjoni tal-Gazzetta al-Gvern bin-numru 437 tal-10 ta' Mejju 2007, dehret dikjarazzjoni tal-20 t'April 2007 maħruġa mill-President ta' Malta ai termini tal-Artikoli 3 u 9(1) tal-Kap. 88 tal-Liġijiet ta' Malta, intitolat Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi. Din id-dikjarazzjoni kienet tirreferi għal porzjon ta' art fil-kejl ta' 438 metri kwadri fi Triq it-Tonn ġewwa San Pawl il-Baħar liema art kienet ġiet esproprjata għal skopijiet pubbliċi.

B'ittra uffiċjali tat-30 t'Ottubru 2007 ir-rikorrenti pprotestaw ruħhom kontra l-esproprju.

B'rikors ġuramentat tal-21 t'Awwissu 2007 fetħu l-kawża in diżamina waqt illi b'rikors ġuramentat tad-9 ta' Novembru 2007 fetħu kawża oħra, dik bin-numru 1172/07JRM fl-ismijiet Perit Austin Attard Montalto et vs Awtorita' tal-Artijiet et.

Fil-mori ta' din il-kawża, b'deċizjoni tal-10 t'Ottubru 2019 fl-ismijiet Perit Austin Attard Montalto et vs Awtorita' tal-Artijiet et, il-Qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ddikjarat illi "*l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju tal-Artijiet skond l-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tal-10 ta' Mejju, 2007, dwar qatgħa art tal-atturi tal-kejl ta' madwar erba' mija u tnejn u erbgħin metri kwadri (442 m2 ) magħrufa bħala "Ta' Bibu" jew "Ta' Għar Għasfur", f'San Pawl il-Baħar, ma saritx għall-skopijiet ta' interess pubbliku iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan għalhekk bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta*". Konsegwentement iddikjarat l-imsemmija esproprjazzjoni bħala nulla u invalida in kwantu l-att amministrattiv kien wieħed ultra vires u għalhekk ordnat it-tħassir tal-esproprjazzjoni u li l-art *de quo* titreġġa' lura għall-istat li kienet fih preċedentement għall-ħruġ tal-esproprjazzjoni. Il-Qorti waslet għal din id-deċiżjoni wara li għamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti għandhom ukoll rilevanza għall-każ tal-lum. Ingħad hekk:

> *"Illi għal dak li jirrigwarda l-**mertu tal-azzjoni attriċi**, jingħad li t-talbiet attriċi huma ta' stħarriġ ġudizzjarju, dan biex il-Qorti ssib (a) li l-esproprjazzjoni li nħarġet mill-Kummissarju ta' l-Artijiet skond l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ma saritx għall-skopijiet ta' utilità pubblika iżda saret sabiex taġevola interessi privati, u dan bi ksur ta' l-artikolu 469A(1)(b)(ii) u/jew l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap. 12; (b) issib li l-istess esproprjazzjoni ma tiswiex u hi bla ebda effett billi l-att amministrattiv sar ultra vires; u (ċ) tħassar it-teħid tal-art u terġa' tpoġġi lill-atturi fil-pussess ta' l-art tagħhom li ttieħdet bl-esproprju msemmi;*
>
> *Illi jrid jingħad mill-bidunett, li għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;*

*Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali*[1]*, hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni*[2]*. Iżda l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan kemm jekk l-għemil ikun ta' teħid ta' proprjetà u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha*[3]*;*

*Illi, fis-sottomissjonijiet tagħhom*[4]*, l-atturi jisħqu li l-interess li kien qed jitħares bl-esproprju kien dak tal-privat, li jiġu aġevolati terzi mingħajr ma tqiesu l-interess tal-atturi. Jgħidu għaldaqstant li f'dan l-espropriju hemm nieqes l-element ta' proporzjonalità u tal-interess pubbliku meħtieġ;*

*Illi fiż-żmien rilevanti għall-istħarriġ li jrid isir fuq il-fatti ta' din il-kawża, il-liġi kienet titlob li t-teħid ta' art b'titolu ta' xiri assolut ried ikun għal skop pubbliku*[5]*;*

*Illi bil-kliem "skop pubbliku" l-liġi tifhem kull għan li jkollu x'jaqsam ma' l-użu esklussiv tal-Gvern jew mal-użu pubbliku ġenerali jew li għandu x'jaqsam ma' jew jiswa għall-interess jew qadi tal-pubbliku (sew jekk l-art tkun għall-użu tal-Gvern sew jekk le). Illum il-ġurnata huwa aċċettat li ttifsira ta' "skop pubbliku" li wieħed kien isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettività*

---

[1] Kost. **24.5.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

[2] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The Former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87

[3] Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali e***t (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

[4] Ara Nota ta' Sottomissjonjiet tal-atturi f'paġ. 223 tal-proċess

[5] Art. 5(a) tal-Kap 88 (għalkemm dik il-liġi tħassret bl-art. 84 tal-Att XVII tal-2017 – Kap 573 – l-artikolu 82 jgħid li azzjonijiet li nbdew taħt l-imsemmija liġi qabel id-dħul fis-seħħ tal-liġi l-ġdida għandhom jibqgħu regolati bil-liġi kif kienet fis-seħħ qabel)

*b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[6], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[7]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li fond jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub mhuwiex wieħed pubbliku jew li mhuwiex fl-interess pubbliku[8]. Ingħad ukoll li jekk jintwera l-interess pubbliku, il-fatt li art tittieħed biex isir minnha użu kummerċjali mill-privat ma jnaqqasx b'daqshekk biss l-element ta' ħtieġa pubblika jew interess pubbliku[9];*

*Illi l-Qorti hija tal-fehma li jekk hu minnu li l-art tal-atturi ttieħdet għat-twessigħ biex ikun hemm turning circle aħjar u għaldaqstant ikunu jistgħu jinqdew b'mod aħjar il-bżonnijiet tal-pubbliku fl-istess triq, dan jixhed li tassew kien hemm skop pubbliku w għalhekk l-ilment tal-atturi ma jkunx jista' jintlaqa'. Iżda l-Qorti temmen li, mill-provi mressqa, mkien ma ħareġ li l-għan ewlieni għat-teħid kien tabilħaqq għat-twessigħ ta' xi triq eqdem, iżda tqis li bit-tibdil tal-linja tal-bini ħareġ ċar li kien ser jiġi akkomodat t-terz li l-faċċata tal-binja tiegħu issa kienet ser tersaq sewwasew għal fuq triq proġettata u seta' jagħmel l-iżvilupp fl-art tiegħu kif xtaq hu, u dan bi ħsara diretta għall-interessi u minn fuq il-ġid tal-atturi. Dan il-Qorti waslet għal din il-fehma wara li fliet il-pjanta jew survey imħejjija mill-ADT u li tressqet mill-Assistant Direttur tas-Servizzi fid-Direttorat għat-Tmexxija tal-Proprjetà mal-affidavit tiegħu[10]. Minn din il-pjanta lill-*

---

[6] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**); ara wkoll Q.E.D.B. **22.11.2011** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon et vs Malta*** (Applik. Nru. 2226/10) § 60

[7] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti
Kostituzzjonali fil-**15.10.2008**)

[8] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)

[9] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Agnes Gera de Petri Testaferrata Boniċi Għaxaq vs L-Avukat Ġenerali***

[10] Dok "PM2", f'paġ, 192

tal-proċess **40** Ara. Dok.

*Qorti jirriżultalha li l-biċċa l-kbira mill-art li ttieħdet mingħand l-atturi fil-fatt ma kinetx ser tintuża biex tħaffef il-manuvri tal-vetturi, iżda biex tinbidel f'bankina u spazju biex fiha jitħawlu siġar biex jgħattu l-għoli tal-ġenb tal-ħajt tal-binja eżistenti ta' mhux anqas minn disa' sulari u tagħti filgħajn f'dik il-medda tat-triq[40]. Dan ma kienx ikun meħtieġ li kieku l-linja baqgħet kif kienet għaliex l-iżvilipp fit-triq kien iserraħ ma' dan il-ħajt u l-ħajt kien jitgħatta bil-binja nnifisha. Il-Qorti ssib konfort ukoll fix-xhieda mogħtija mill-Perit Mario Ellul fil-proċeduri marbuta mal-Mandat ta' Inibizzjoni meta jgħid li "l-parti mmarkata bis-siġar mhix karreġġabbli, mhix sejra tkun asfaltata u tkun pubblika mħawwla bis-siġar"[11];*

*"Illi dan kollu jixhed li jekk kellu jitneħħa dan l-ispazju ta' bankina u sabiex jitħawwlu s-siġar, it-triq fil-fatt ġiet li twessgħet ftit li xejn, u l-Qorti ssibha ferm diffiċli taċċetta li tassew kien hemm ħtieġa pubblika jew għan pubbliku għat-teħid ta' din il-medda art li kellha twassal għall-esproprjazzjoni tagħha mingħand l-atturi. Għall-kuntrarju, minn qari tax-xhieda kollha li tressqet fl-atti, ma tressqet l-ebda prova li xxejjen il-fehma li l-art ittieħdet biss biex jittaffa l-impatt estetiku (biex ma jintużax kliem ieħor) li l-binja ta' terzi tħalli ma' wiċċ min ikun fl-inħawi;*

*Illi l-Qorti għaldaqstant qiegħda tasal għall-fehma li l-imħarrkin ma ppruvawx kif jixraq u għas-sodisfazzjon tal-Qorti li hemm utilità pubblika fit-teħid tal-ġid tal-atturi. Id-diskrezzjoni wiesgħa li għandu l-Istat fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku" ma ntweriex li jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjetà u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha;*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ssib li **l-ewwel talba tal-atturi hija tajba** u sejra tintlaqa' għaliex id-deċiżjoni amministrattiva li ttieħdet mill-awtorità pubblika ħareġ li*

---

"AC2" f'paġ. 54 tal-
proċess

[11] Ara x-xhieda tal-Perit Mario Ellul f'paġ. 154 tal-proċess

*saret għal għanijiet mhux xierqa b'abbuż tas-setgħat tagħha;*

*Illi billi l-Qorti waslet għall-fehma tagħha dwar l-ewwel talba, jkun meħtieġ li tqis ukoll it-tieni u t-tielet talbiet attriċi, billi dawn huma konsegwenzjali għall-ewwel waħda;*

*Illi huwa stabilit li f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju l-Qorti twettaq funzjonijiet limitati maħsuba biex tara li l-għemil amministrattiv ikun twettaq skond il-liġi, b'użu xieraq tas-setgħat mogħtijin lill-awtorità li tkun mill-istess liġi, u b'mod li ma jkunx hemm u la ksur tal-jeddijiet imħarsin mill-ġustizzja naturali u lanqas twettiq abbużiv tal-istess setgħat. Bħala tali, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju – kemm jekk hija waħda mibdija taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u kif ukoll waħda taħt il-liġi ġenerali – xogħol il-Qorti huwa dak ta' "kassazzjoni" tal-għemil li minnu jitressaq l-ilment quddiemha: il-Qorti ma tiħux fuqha b'rimedju t-teħid jew it-twettiq tal-għemil amministrattiv, liema għemil huwa setgħa li l-liġi tagħti biss lill-awtorità pubblika li tkun;*

*Illi dan ir-rwol tal-Qorti ilu żmien mifhum u aċċettat u dan joħroġ min-natura nnifisha tal-azzjoni ta' stħarriġ tal-għemil amministrattiv. Għaldaqstant, meta l-Qorti tintalab tistħarreġ għemil amministrattiv għandha tqis is-siwi ta' għemil bħal dak skond il-kejl tal-liġi u tal-prinċipji li jgħoddu għall-każ (u, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi xierqa, li tħassar dak l-għemil jew issibu ma jiswiex) mingħajr ma hija stess tieħu d-deċiżjoni minflok l-awtorità kompetenti li lilha l-liġi tkun tat dik is-setgħa. Hu mħolli għal dik l-awtorità li twettaq, bid-diskrezzjoni xierqa, l-għemil u li tieħu d-deċiżjonijiet li jitnisslu minn eżerċizzju bħal dak. It-tħassir ta' deċiżjoni min-naħa tal-Qorti jġib biss li l-istess Qorti terġa' tgħaddi l-każ għas-smigħ lil dik l-awtorità għallkunsiderazzjoni mill-ġdid tal-każ[12];*

[12] App. Ċiv. **11.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Suprintendent tas-Saħħa Pubblika et***

*Illi dawn il-parametri huma mfissra b'mod ċar u tajjeb f'dan il-kliem meta jingħad li l-istħarriġ ġudiżzjarju "does not allow the court of review to examine the evidence with a view to forming its own view about the substantial merits of the case. It may be that the tribunal whose decision is being challenged has done something which it had no lawful authority to do. It may have abused or misused the authority which it had. It may have departed from the procedures which either by statute or at common law as matter of fairness it ought to have observed. As regards the decision itself it may be found to be perverse or irrational, or grossly disproportionate to what was required. Or the decision may be found to be erroneous in respect of a legal deficiency, as for example, through the absence of evidence, or of sufficient evidence to support it, or through account being taken of irrelevant matter, or through a failure for any reason to take account of a relevant matter, or through some misconstruction of the terms of the statutory provision which the decision maker is required to apply. But while the evidence may have to be explored in order to see if the decision is vitiated by such legal deficiencies it is perfectly clear that in a case of review, as distinct from ordinary appeal, the court may not set about forming its own preferred view of the evidence"*[13]*;*

*Illi għalhekk, f'azzjoni skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12 għall-istħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, il-Qorti tista' tintalab li ssib li l-att amministrattiv ma jkunx jiswa u li tħassar att amministrattiv bħal dak għax ma jkunx sar skond il-liġi; iżda ma tistax tintalab tissostitwixxi hi l-att hekk imħassar permezz ta' att ieħor;*

*Illi ladarba l-Qorti sabet li t-teħid ta' art tal-atturi ma sarx tassew għal skop pubbliku u ladarba dak b'dak l-att l-atturi refgħu piż sproporzjonat fit-telfien tal-art imsemmija*[14]*, il-Qorti sejra* ***tilqa' t-tieni talba*** *u ssib li l-esproprju mertu ta' din il-kawża ma jiswiex;*

---

[13] In ***Re Reid vs Secretary of State for Scotland*** **(1999)**

[14] Ara Kost. **26.4.2013** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmen Żammit vs Kummissarju tal-Artijiet***

*Illi, fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, isegwi li t-**tielet talba jistħoqqilha tintlaqa' wkoll**, u din il-Qorti sejra tordna li l-qagħda titreġġa' lura għal kif kienet minnufih qabel ma nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-President biex tavża bit-teħid ta' art l-atturi. Dan jingħad għaliex dak li skond il-liġi ma jiswiex, ma jistax iħalli effett, u għalhekk l-għażla u l-effett waħdien ta' tħassir ta' għemil amministrattiv għandu jkun li l-qagħda titreġġa' lura għal dak li kienet qabel ma jkun sar l-għemil amministrattiv imħassar[15];"*

Il-fatti kif imfissra fil-bran appena ċitat huma analogi għal dawk li jirriżultaw mill-atti tal-kawża in diżamina u dan għaliex il-kwistjoni tittratta l-istess proprjetà u l-istess partijiet.

**L-Eċċezzjonijiet preliminari**

Qabel tittratta l-mertu tal-vertenza l-Qorti sejra tistħarreġ is-siwi tal-eċċezzjoni preliminari sollevata rispettivament mill-intimati SIAR u Rite Mix li eċċepew li m'għandhomx *locus standi* fil-proċediment ta' llum u li għaldaqstant għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Il-Qorti rat illi waqt li SIAR ippreżentat nota ta' sottomissjonijiet finali fejn trattat il-mertu tal-eċċezzjoni preliminari, mhux l-istess jista' jingħad dwar Rite Mix li baqgħet ma ppreżentatx nota ta' sottomissjonijiet finali.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha SIAR tgħid illi ebda waħda mit-talbiet tar-rikorrenti ma hija diretta lejha u dan in kwantu t-talbiet tar-rikorrenti huma mmirati lejn it-tħassir ta' Planning Control permit li nħareġ mill-MEPA fuq talba ta' TM. Tgħid għalhekk illi l-inklużjoni tagħha f'dan il-ġudizzju huwa superfluwu.

Il-Qorti tqis illi mhuwiex meħtieġ li tinoltra f'kunsiderazzjonijiet ġurisprudenzjali dwar min għandu *locus standi* f'kawża bħal ma hija dik tal-lum. Il-kawża tal-lum hija dwar stħarriġ t'għemil ġudizzjarju a tenur tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12. Għal din l-

[15] Ara App. Ċiv. **6.9.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***David Gatt vs Onor. Prim Ministru et*** § 52

azzjoni huma l-Awtoritajiet ikkonċernati li jridu jwieġbu u mhux is-soċjetajiet intimati. Il-Qorti tqis illi wkoll jekk il-permess li qiegħed jiġi attakkat inħareġ speċifikament biex jaġevola lis-soċjetajiet intimati, jibqa' l-fatt li t-talbiet kif impostati mhumiex diretti fil-konfront tagħhom. Il-Qorti tqis l-interess tas-soċjetajiet SIAR u Rite Mix huwa biss wieħed passiv liema nteress ma jiġġustifikax li l-kawża odjerna infetħet fil-konfront tagħhom ukoll.

L-istess jgħodd għall-intimat Avukat tal-Istat. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel tagħha l-kunsiderazzjoni li għamlet fir-rigward din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza tagħha tal-10 t'Ottubru 2019 fil-kawża bin-numru 1172/07JRM fuq ċitata. Hawnhekk il-Qorti osservat illi ma jirriżultaw ebda provi dwar x'sehem seta' kellu l-Avukat tal-Istat f'din il-kwistjoni kollha.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis bħala mistħoqqa l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati SIAR u Rite Mix u għalhekk waqt illi tilqa' din l-eċċezzjoni sejra tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.

Tqis ukoll illi l-intimat Avukat tal-Istat ukoll għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan għaliex għar-raġunijiet premessi l-Qorti tqis illi mhuwiex leġittimu kuntradditur għat-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

La darba l-Qorti qiegħda ssib illi l-intimati SIAR, Rite Mix u l-Avukat tal-Istat m'għandhomx *locus standi* f'dawn il-proċeduri, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet rispettivament minnhom sollevati.

## Il-Mertu

Din tal-lum hija kawża oħra li r-rikorrenti qegħdin jintavolaw għall-istħarriġ ta' għemil ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap. 12.

Il-Qorti fliet bir-reqqa l-inkartament voluminuż ta' din il-kawża. Fliet ukoll id-deċiżjoni li tat din il-Qorti diversament preseduta fl-10 ta' Ottubru 2019 liema kawża kienet intavolat mir-rikorrenti

fost l-oħrajn fil-konfront tal-Awtorità tal-Artijiet – sentenza li l-Qorti ċċitat aktar kmieni f'din is-sentenza.

Il-pern tal-kwistjoni fil-kawża bin-numru 1172/07 fuq ċitata kien l-esproprjazzjoni ta' porzjon art li kienet proprjetà tar-rikorrenti. Fis-sentenza tagħha tal-10 ta' Ottrubru 2019 il-Qorti sabet illi l-esproprjazzjoni in kwistjoni ma kinitx saret fl-interess pubbliku iżda fl-interess tal-privat li ried iwettaq żvilupp fl-art proprjetà tiegħu. Doveruż jiġi notat li 'l fuq ċitata sentenza ġiet appellata.

Il-mertu tal-vertenza odjerna huwa identiku għal dak fil-kawża bin-numru 1172/09 – l-unika differenza hija dik illi fil-kawża in diżamina r-rikorrenti qegħdin jattakaw id-deċiżjoni tal-MEPA li biha laqgħet il-PCA 54/06 maħruġa fuq talba tal-intimata Transport Malta.

Wara li għarblet il-provi kollha bir-reqqa, u mingħajr ħtieġa ta' ripetizzjonijiet u dilungar inutli, din il-Qorti ssib ruħha pjenament konkordi mal-ħsieb espress mill-Qorti fis-sentenza tal-10 ta' Ottubru 2009 u għalhekk sejra tagħmel tagħha dawk l-istess kunsiderazzjonijiet li għandhom isibu applikazzjoni ukoll fil-każ tal-lum. Din il-Qorti żżid tgħid illi l-provi kollha in atti juru ċar u tond illi l-Awtortijiet riedu jaġevolaw lit-terz privat biex l-iżvilupp minnu propsettat joħroġ aħjar. Il-Qorti tkompli ssaħħaħ din il-fehma tagħha meta tqis illi inizzjalment il-PCA intavolata minn TM ġiet miċħuda għar-raġuni li rriżulta li t-tibdil fil-linja tal-bini u t-*turning circle "it effected scheduled property and third party property unnecessarily"*. Madanakollu, u minkejja l-oġġezzjoni tar-residenti, f'anqas minn sena l-MEPA bidlet il-fehma tagħha u għaddiet sabiex takkorda l-PCA. Il-Qorti ma tistax issib loġika f'dan kollu u mill-atti lanqas ma tirriżulta ġustifikazzjoni raġionevoli għall-dan il-*U turn* da parti tal-MEPA f'tant qasir żmien. Fiċ-ċirkostanzi huwa aktar verosimili li l-MEPA bidlet fehmitha sabiex taġevola l-pjan ta' żvilupp mit-terz privat.

In kwantu l-pożizzjoni ta' TM din eċċepiet illi hija aġixxiet fl-interess pubbliku, kisbet il-permess relattiv u li fl-aħħar mill-aħħar it-talbiet kif dedotti ma jikkonċernawx lilha direttament għar-raġuni li hija ma toħroġx permessi bħal dak in kwistjoni.

Il-Qorti tqis dawn l-eċċezzjonijiet bħala validi għaliex għalkemm kienet proprju TM li applikat għall-permess *de quo*, finalment kienet il-MEPA li ħarġet il-premess – fiċ-ċirkostanzi ma kienx hemm lok li TM tiġi mħarrka f'dawn il-proċeduri.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-eċċezzjoni preliminari rispettivament sollevata minn SIAR Property Investments Limited u Rite Mix Limited u waqt illi tiddikjara illi dawn l-intimati m'għandhomx *locus standi* fil-proċediment ta' llum, tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u konsegwentment tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-bqija tal-eċċezzjonijiet minnhom sollevati rispettivament.

2. Tkompli tipprovdi billi tiddikjara li l-Avukat Ġenerali mhuwiex leġittimu kontraditur għat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentment tilliberah mill-osservanza tal-ġudiżżju.

3. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-PCA 0054/2006 ma saritx għal skopijiet ta' utilità pubblika iżda biss għall-fini li jiġu aġevolati l-interessi privati.

4. Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tiddikjara li d-deċiżjoni tal-MEPA li permezz tagħha approvat il-PCA 0054/2006 tikkostitwixxi abbuż tas-setgħat tagħha.

5. Tilqa' wkoll ir-raba' talba u tiddikjara illi l-ħruġ tal-permess PCA 0054/2006 huwa irritu u null.

6. Tordna lir-rikorrenti sabiex iħallsu l-ispejjeż ta' din il-kawża relattivi għall-Avukat tal-Istat, Transport Malta, SIAR Property Investments Limited u Rite Mix Limited.

Tordna lill-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tħallas il-bqija tal-ispejjeż ġudizzjarji.

IMHALLEF

DEP/REG